MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2011

Numru 858/2011

Il-Pulizija
(Spettur Yvonne Farrugia)

vs

Bassirou Ndiaye

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat detentur tal-permess ta' residenza Spanjola numru E1 241 2341.

1. nhar it-Tlieta 26 ta' Lulju 2011, gewwa l-Armier Bay, l-Armier, limiti tal-Mellieha u f'postijiet ohra gewwa dawn il-Gzejjer,

a. iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh,

jew tal-prodott ta' industrja, jew, xjentement, ghamel uzu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid; jew

b. ghamel uzu, xjentement, ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblema; jew

c. xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema imxebbhin b'qerq;

u cioe' diversi nuccalijiet tax-xemx u kartieri.

2. fl-istess data, lokalitajiet u cirkustanzi, ghal qligh, jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha;

Il-Qorti mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti. Mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lill-imputat sabiex tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet lill-imputati jammettu l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa' jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Fuq tali ammissjoni volontarja u inkondizjonata ssibu hati.

Rat l-Artikolu 298(1)(a)(c)(f) fil-konfront tal-imputazzjonijiet kollha eskluz it-tieni wahda. Semghet lill-Ufficjal Prosekutur tiddikjara li ma hemmx kwerela fir-rigward din it-tieni imputazzjoni. Tiddeciedi ghaldaqstant li tastjeni li tiehu konjizzjoni ta' din it-tieni imputazzjoni filwaqt li ssib l-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra. Tikkundannah sitt xhur prigunerija sospizi ghal sena bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9.

Tordna l-konfiska tal-oggetti f'kaz li gew esebiti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------